**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 15 ta' Ottubru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**

**Vs**

**Faiz Omar Elsallak**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Faiz Omar Elsallak ta' 31 sena, bin Omar u Fatima nee' Mohammed, imwieled Benghazi (Libja) u joqghod f'indirizz mhux maghruf f'Santa Venera, passaport nmru 412703;

Talli fit-12 ta' Frar, 2001, ghall-habta tad-9.00pm, fi Triq Wilga, Paceville, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, f'post pubbliku, nezgha gharwien jew ma kienx liebes xieraq, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamel gesti oxxeni fil-pubbliku jew b'xi mod iehor offenda l-morali l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-Artikoli 209, 338 (bb) (q) (m), 96, u 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Faiz Omar Elsallak, hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni taz-zewg partijiet, qeghda tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma'

jaghmilx reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (1) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152.

Din il-Qorti ma' tistax titratta dwar dikjarazzjoni ta' imputat projbit, peress illi l-imputat illum mizzewweg mara maltija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.